**QORI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 22 ta` Dicembru 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 64/2020 JZM**

**Mamdouh Altllas (K.I. nru. 62005A) u martu Maria Altllas (K.I. nru. 354979M)**

***kontra***

**Registratur tal-Kumpaniji**

***u***

**Joseph Chetcuti (K.I. nru. 435069M) u martu Lourdes Chetcuti ghal kull interess li jista` jkollhom**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors li kien prezentat fl-<u>20 ta` Ottubru 2020</u> li jaqra :-

*1. Il-kumpanija registrata mal-intimat Registratur tal-Kumpaniji bl-isem `J & C Contracts Limited`, li kellha n-numru ta` registrazzoni C13386, giet ricentement ikkancellata u mhassra mir-registru tal-kumpaniji, bis-sahha tal-art. 325 tal-Kap. 385 tal-Ligijiet ta`Malta.*

*Dan wara li thabbar illi ai termini tal-art. 325(2) tal-Att dwar il-Kumpaniji, li l-kumpannija `J & C Contracts Limited` se titqies xjolta u isimha se jithassar mir-registru tal-kumpaniji sakemm ma tinghatax raguni sabiex isir il-kuntrarju, u li l-assi tal-kumpannija se jiddevolvu favur il-Gvern ta` Malta.*

*2. Il-kumpanija `J & C Contracts Limited` kienet u baqghet dejjem topera fin-negozju tal-kostruzzjoni u tal-bini ta` stabbili u proprjetajiet immobbili.*

*3. Illi l-intimati Joseph Chetcuti (K.I. nru. 435069M) u martu Lourdes Chetcuti huma l-azzjonisti u sidien benficcjarji tal-kumpanija`J & C Contracts Limited`; l-intimat Joseph Chetcuti dejjem kien id-direttur tal-istess kumpanija.*

*4. Bi skrittura privata datata 30 t`Awwissu 2018, l-esponenti nkariga lill-kumpanija `J & C Contracts Limited` tezegwixxi appalt konsistenti f`kostruzzjoni u bini ta` pedamenti, garaxxijiet, irdim tal-art, u l-bini tal-appartamenti u penthouses fuq porzjon ta`art bil-faccata konfinanti ma`Triq il-Parrocca, fin-Naxxar, fuq liema art gie kostruwit kumpless ta` bini maghruf bl-isem `Sun Valley Court` jew `Amir Mansions`, bin-numru 79, fit-triq imsemmija, u dan skont il-pjanti approvati bil-permess ta` zvilupp PA/09785/17.*

*5. Dan l-appalt gie eventwalment sospiz, terminat u x-xoghlijiet ikkumpletati minn terzi persuni.*

*6. Ix-xoghol ezegwit mill-kumpanija `J & C Contracts Limited`, jew ahjar il-bilanc pretiz mil-istess gie kawtelat permezz ta`*

*Privilegg Specjali bin-numru progressiv `tnejn wiehed tnejn tnejn sitta` (21226) - vide Dok. `A` hawn mehmuz.*

*7. Il-vertenza bejn l-esponenti u l-kumpanija `J & C Contracts Limited` giet eventwalment deciza b`sentenza tal-Qorti Civili, Prim`Awla tal-5 ta` Gunju 2020 (Rikors Guramentat nru.132/2019 GM fl-ismijiet J&C Contracts Limited v. Mamdouth Altllas u Maria Altllas). Ebda parti ma ressqet appell minn din is-sentenza - vide Dok.`B`hawn mehmuz.*

*8. Wara l-ghoti tas-sentenza surriferita, l-esponenti u l-kumpanija `J & C Contracts Limited` waslu f`kompromess ai termini ta` liema, inter olia, il-kumpanija `J & C Contracts Limited` kellha tikkancella l-iskrizzjoni tal-Privilegg Specjali fuq imsemmi man mano li l-istanti jitrasferixxu lil terzi d-diversi units fil-kumpless ta` bini fuq imsemmi gewwa n-Naxxar.*

*9. Tali kancellament pero`, illum, in vista tal-azzjoni mehuda mill-intimat, ma jistax isir. Fis-sitwazzjoni prezenti ebda wieghda ta`bejgh u xiri ma tista` tavvera ruhha bis-sitwazzjoni prezenti qieghda ssarraf f` danni realment ingenti lill-intimati, fir-rispett ta` liema huma ma ghandhom assolutament ebda htija. Ir-rikorrenti huma b`daqstant aggravati bil-fatt li l-isem tal-kumpanija `J & C Contracts Limited` thassar minn fuq ir-Registru.*

*10. L-esponenti jhossu illi huma ghandhom jitqiesu minn din l-Onorabbli Qorti illi ghandhom dak l-interess mehtieg mill-art. 325 (4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta sabiex jippromuovu din l-azzjoni.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, a tenur tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja dawk id-dikjarazzjonijiet u provvedimenti li jidhrulha xierqa u opportuni, joghgobha :*

*(i) tidderimi dan ir-rikors b`urgenza.*

*(ii) taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa, inkluz dawk interim, sabiex il-kumpanija `J & C Contracts Limited` tkun tista`, anke okkorrendo tul is-smigh ta` dan ir-rikors, tidher fuq l-atti pubblici appoziti sabiex taghti l-kunsens taghha ghall-kancellament, in toto jew in parte tal-iskrizzjoni tal-Privilegg Specjali bin-numru progressiv `tnejn wiehed tnejn tnejn sitta` (21,226).*

*(iii) tordna lill-intimat sabiex jerga` jdahhal l-isem tal-kumpanija `J & C Contracts Limited`, bin-numru ta` registrazzjoni C13386, fir-registru tal-kumpaniji, sabiex b`hekk l-istess kumpannija tkompli bl-ezistenza taghha daqs li kieku qatt ma thassret, u dan f`terminu qasir u perentorju li jigi minnha prefiss ghal dan il-ghan;*

*(iv) tordna lill-intimat jaghmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega skont il-ligi u relattivament ghad-dhul mill-gdid tal-isem tal-kumpanija `J & C Contracts Limited`, bin-numru ta` registrazzjoni C13386, fir-registru tal-kumpaniji;*

*Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-intimat.*

*B` rizerva ta` kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat ir-risposta li pprezenta r-Registratur intimat fl-24 ta` Novembru 2020 li taqra :-

*Illi l-kumpanija J & C Contracts Limited (C 13386) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpaniji ("Registru") fis-17 ta` Dicembru 1991.*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpanija naqset mill-obbligi taghha illi tibghat kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-ahhar kont annwali registrat mar-Registratur tal-Kumpaniji huwa tas-sena 2006 filwaqt illi l-ahhar prospett annwali huwa tas-sena 2010.*

*Illi tali nuqqas kien raguni bizzejjed sabiex l-esponent Registratur jissopponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kinitx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji.*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur ipproceda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-ufficjal taghha sabiex javza illi l-isem tal-kumpanija kien ser jigi mhassar minn fuq il-Registru kemm il-darba ma tintweriex raguni sabiex dan ma jsehhx.*

*Illi r-Registratur baghat l-ewwel avviz permezz ta` ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bhala Dok. A, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha mahruga mir-Registratur) fuq l-indirizz registrat taghha kif ukoll lid-direttur ewlieni, l-indirizz tat-tnejn li huma huwa 'J & C Contracts Limited', Arc en Ciel, Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, Mosta, Malta, datati, 12 ta` Frar 2020.*

*Illi skont l-informazzjoni registrata mar-Registratur, l-indirizz imsemmi huwa dak tal-kumpanija u l-indirizz residenzjali tad-direttur, jekk dan mhux il-kaz kien fl-interess ewlieni tal-ufficjali tal-kumpanija illi jaraw illi l-informazzjoni hija aggornata.*

*Illi f`din l-ittra l- kumpanija giet infurmata illi ladarba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi taghha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, f`kaz li ma twegibx fi zmien xahar, ir-Registratur kien se jkompli bil-process ta` thassir tal-isem tal-kumpanija. Tali ittri gew kollha lura bir-raguni "gone away" u "no such address"|. Ghaldaqstant, iktar ir-Registratur ikkonvinca ruhu illi l-kumpanija mhux topera.*

*Illi fil- 25 ta` Marzu 2020, inharget pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wiehed fost ohrajn illi kien ser jigi mnehhi minn fuq ir-Registru tal- Kumpaniji fi zmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oggezzjoni ghal dan.*

*Illi fil-frattemp, ir-Registratur qatt ma rcieva l-ebda tip ta` risposta jew dokumenti pendenti minghand il-kumpanija u ghaldaqstant fis-26 ta` Gunju 2020, li jahbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent hareg avviz fuq*

*website mizmuma minnu fejn kien avzat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien gie mhassar minn fuq ir-Registru.*

*Illi r-rikors odjern qieghed isir fiz-zmien il-hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir u ghalhekk ghadu fiz-zmien stipulat mil-ligi.*

*Ir-Registratur qieghed umilment jissolleva illi qieghed ihalli f`idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jigu maghrufin il-passi illi ghandhom jittiehdu min-naha tieghu sabiex il-pozizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tigi rattifikata.*

*Illi ghaldaqstant huwa lest li joqghod ghal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi partikulari ta`dan il-kaz.*

*Bl-ispejjez.*

Rat ir-risposta li l-intimati Chetcuti pprezentaw fil-<u>15 ta` Dicembru 2020</u> u li taqra hekk :-

*1. Fl-ewwel lok, in linea preliminari, jiddikjaraw li fir-rigwrad tal-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba` (4) talba tal-attrici huma m`ghandhom l-ebda oggezzjoni u di fatti ghandhom interess sabiex l-istess kumpanija "J & C Contracts Limited" tigi ri-attivata, u tiddahhal mill-gdid fir-regrstru tal-kumpaniji.*

*2. Fit-tieni lok, fir-rigward tat-tieni (2) talba l-mittenti konvenuti Chetcuti jiddikjaraw li m`hemmx qbil u kunsens sabiex il-privilegg specjali iskritt, bin-numru progressiv tnejn wiehed, tnejn, tnejn, sitta (21226) jigi ikkancellat, la in parte u wisq inqas in toto u dan stante li m`hemm l-ebda garanzija ohra li l-konvenuti ha jrrkupraw is-somma bl-ispejjez skont is-sentenza finali moghtija fil-5 ta`Gunju 2020 mill-Qorti Civili, Prim Awla, fl-ismijiet J&C Contracts Limited vs Momdouh Attltas et, kif attwalment inqatghet favur taghhom.*

*3. Fit-tielet lok, l-konvenuti pero` jifhmu s-sitwazzjoni legali u l-pozizzjoni tal-atturi u mal-mument li jkun hemm ftehim ad hoc rigward l-irkupru tal-flejjes ai termini tad-decizjoni hawn gia msemmija, l-privilegg specjali jitnehha u ghalhekk ir-ri-entru tal-kumpanija j&C Contracts Limited fir-registru tal-kumpaniji huwa essenzjali ghal dan il-ghan wkoll.*

*Salv, occorrendo, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Semghet ix-xiehda tar-rikorrent fl-udjenza tal-15 ta` Dicembru 2020.

Rat il-verbal ta` din l-udjenza.

Hadet konjizzjoni gudizzjarja ta` l-atti tal-kawza fl-ismijiet : *Joseph Chetcuti et v. Registratur tal-Kumpanniji (Rik. Nru. 25/2020 JZM)*

Rat id-digriet li permezz il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. L-ewwel (1) talba

**Kif jirrizulta mill-atti fl-assjem taghhom, huwa evidenti li r-rikors kien trattat b`urgenza.**

**Tant hu hekk illi r-rikors kien prezentat fl-20 ta` Ottubru 2020 u se jkun deciz illum li jfisser xahrejn wara d-data tal-prezentata.**

**Fil-bidu r-rikors kien appuntat ghas-smigh ghad-<u>19 ta` Jannar 2021</u>.**

**Is-smigh kien rikjamat ghall-udjenza fil-<u>15 ta` Dicembru 2020</u> wara talba f`dan is-sens li ghamlu r-rikorrenti b`rikors tat-<u>2 ta` Dicembru 2020</u>.**

**L-udjenza tal-<u>15 ta` Dicembru 2020</u> fil-fatt saret, instemghu l-provi kollha, u l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum minkejja l-ferjat tal-qrati.**

**Minhabba dan kollu, il-qorti qeghda <u>tastjeni</u> milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba.**

## III. <u>L-Art 325 tal-Kap 386</u>

**L-azzjoni odjerna kienet intavolata abbazi tal-<u>Art 325 tal-Kap 386</u>.**

Id-disposizzjoni hija komposta minn seba` (7) subartikoli. Ir-Registratur ipproceda biex hassar mir-registru l-isem tal-kumpannija J&C Contracts Limited (C13386) abbazi tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) subartikoli.

Il-kondotta tar-Registratur intimat tirrizulta spjegata bl-aktar mod car fir-risposta tieghu. Il-fatti kif esposti mir-Registratur intimat **<u>mhux kontestati</u>** mill-partijiet l-ohra fil-kawza.

Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fir-registru, ghar-ragunijiet ta` fatt li kienu mfissra fil-kawzali tar-rikors promotur, liema fatti kienu kkonfermati bil-gurament mir-rikorrent fid-deposizzjoni tieghu quddiem il-qorti.

Ir-rikorrenti qeghdin joqghodu fuq is-subartikolu (4) sabiex isostnu legalment ir-ragunijiet taghhom.

Huwa ben evidenti illi s-subartikoli (3), (5), (6) u (7) ma jghoddux ghall-kaz tal-lum.

Unikament ghall-fini ta` kompletezza, il-qorti sejra xorta wahda ticcita l-artikolu shih biex imbaghad tghaddi ghall-osservazzjonijiet taghha abbazi tal-provi akkwiziti.

L-artikolu jaqra hekk –

*(1) Meta r-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibghat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.*

*(2) Jekk ir-Registratur jircievi twegiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jircevix twegiba fi zmien xahar minn meta jkun baghat l-ittra, dan jista' jibghat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f 'Malta li, f`eghluq tliet xhur mid-data ta' l-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-isem tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju jew jekk ir-Registratur ikun sodisfatt li hemm ragunijiet bizzejjed biex ma jipprocedix bit-thassir, jithassar minn fuq ir-registru, u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(3) Jekk, f'xi kaz fejn kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament, ir-Registratur ikollu raguni bizzejjed biex jahseb jew li ebda stralcjarju ma jkun qed jagixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati ghal kollox, u li l-prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju skond l-artikolu 322 ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Registratur jista' jippubblika fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f`gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta, avviz li f'eghluq tliet xhur mill-ahhar pubblikazzjoni ta' l-imsemmi avviz, l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintweriex raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u konsegwentament li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru. Ir-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja ta' l-imsemmi avviz lill-kumpannija u lill-istralcjarju, jekk ikun hemm. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta' tliet xhur l-istralc*

*tal-kumpannija ghandu, kemm-il darba qabel ma tintwerix raguni biex isir kuntrarju, jitqies li jkun gie mitmum u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u l-attiv tal-kumpannija jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.*

*(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga' jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar; u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih ighaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f'Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*(5) Avviz mibghut taht dan l-artikolu jista` jigi indirizzat lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf, u ittra jew avviz li ghandu jintbaghat lil kumpannija ghandu jigi indirizzat lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha.*

*(6) Minkejja li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru skond id-disposizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, ir-responsabbilità, jekk il-kaz, ta' kull direttur jew ufficjal iehor tal-kumpannija u ta' kull membru tal-kumpannija ghandha tkompli u tista` tigi infurzata daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar mir-registru.*

*(7) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 429(1), id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw ghal kumpannija li x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali taghha jkunu regolati bl-Ordinanza.*

## **IV. <u>It-tieni (2) talba</u>**

**Il-qorti tqis it-tieni (2) talba legalment insostenibbli.**

**It-talba ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-azzjoni kif haseb ghaliha l-legislatur.**

**L-isem tal-kumpannija jibqa` mhassar fil-kors tal-procediment odjern, u jidhol lura <u>biss</u> fir-registru b`decizjoni tal-qorti.**

**Ghalhekk hrug ta` *interim order* fil-kors ta` dan il-procediment (kif qed jintalab mir-rikorrenti) huwa legalment improponibbli, apparti li johloq konfuzjoni bla bzonn b`mod specjali ghal terzi.**

**It-tieni (2) talba qeghda tkun respinta.**

## V. <u>It-tielet (3) u r-raba` (4) talbiet</u>

Tghid illi kienet **<u>unikament</u>** l-imgieba tal-kumpannija J & C Contracts Limited (C13386) u tad-direttur taghha l-intimat Joseph Chetcuti, ghar-ragunijiet li semma r-Registratur fir-risposta, li wasslet lir-Registratur sabiex jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-registru tal-kumpanniji skont is-subartikolu (1) tal-Art 325.

Tiddikjara ruhha sodisfatta li r-Registratur segwa l-procedura kollha prevista mis-subartikolu (2) tal-Art 325.

Tghid illi kien ghaliex il-kumpannija baqghet inadempjenti li skatta t-thassir ta` l-isem skont l-istess subartikolu (2) tal-Art 325.

Tqis illi waqt li jkun ghaddej it-terminu ta` tliet xhur li jissemma fis-subartikolu (2) tal-Art 325, trid tkun il-kumpannija, permezz tar-rapprezentanti legali taghha, li f`dawk it-tliet xhur tissoddisfa lir-Registratur illi hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ma jipprocedix bit-

thassir. Jekk il-kumpannija jew ir-rapprezentanti legali taghha jew ma jiehdux azzjoni fit-terminu nkella ma jissodisfawx lir-Registratur f`dak it-terminu, id-dekorrenza ta` dak it-terminu johloq stat kontra l-kumpannija u l-isem jithassar *ipso jure*.

Tqis li t-thassir tal-isem skont is-subartikolu (2) tal-Art 325 mhuwiex mahsub sabiex jolqot il-persuni li huma indikati fis-subartikolu (4) tal-Art 325. Ghalhekk membru **<u>jew</u>** kreditur tal-kumpannija **<u>jew</u>** xi persuna ohra li jkollha interess ma ghandhomx l-obbligu li jissodisfaw lill-intimat ai termini tas-subartikolu (2) tal-Art 325. Kwindi d-dekorrenza tat-terminu ta` tliet xhur imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Art 325 ma johloqx stat kontra taghhom. Dment illi dawn il-persuni jissodisfaw ir-rekwiziti tas-subartikolu (4) tal-Art 325, huma jistghu jirnexxu fit-talba taghhom sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fir-registru.

**Ghalhekk is-subartikoli (2) u (4) tal-Art 325 huma <u>distinti</u> ghax jolqtu persuni b`interessi differenti.**

**Premess dan kollu, il-qorti tqis singolari l-kaz odjern ; biex ticcita l-gherf tal-latini : *rara avis.***

**Tghid hekk ghaliex kemm ilha ghal dawn l-ahhar tnax-il sena jew kwazi din il-qorti <u>kif presjeduta</u> tisma` wahedha kawzi promossi abbazi tal-Art 325 tal-Kap 386, dan tal-lum kien l-ewwel kaz li kien intavolat [abbazi tas-subartikolu (4) minn persuna li hassitha aggravata bil-fatt li l-isem ta` kumpannija thassar minn fuq ir-registru] mhux biss kontra r-Registratur tal-Kumpanniji <u>izda wkoll</u> kontra l-persuna li kien membru u/jew direttur tal-kumpannija de qua.**

Ghalkemm ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju l-presenza tal-intimati Chetcuti fil-kawza odjerna ma kenitx *sine qua non* mehtiega sabiex tirnexxi l-azzjoni tar-rikorrenti, fl-istess waqt serviet ghas-soluzzjoni pragmatika u prattika tal-pendenzi li l-intimati Chetcuti ghandhom mar-Registratur.

Tant hu hekk li waqt l-udjenza tal-15 ta` Dicembru 2020 Av. Claudette Fenech ghar-Registratur informat il-qorti li l-intimati Chetcuti mhux biss kienu pprezentaw l-*annual returns* kollha pendenti li kellha l-kumpannija izda hallsu wkoll il-penali li kienu dovuti. B`hekk sabiex ikunu regolarizzati l-affarijiet li kellha l-kumpannija mar-Registratur jonqos biss li jidhlu l-*financial statements* li l-qorti tinsab infurmata li qeghdin jtlestew b`heffa.

Il-qorti qeghda **tishaq** fuq dan kollu ghaliex jidher li kawza **ohra** li kienet promossa mill-intimati Chetcuti, anke huma sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, liema kawza ggib in-nru 25/2020 JZM, li wkoll tinsab fil-lista tal-lum, ma jidhirx li se jkun hemm ghalfejn titkompla in vista tal-provvediment li ser jinghata fil-kawza odjerna.

Senjalati **bi precizjoni** l-parametri tal-azzjoni odjerna, u kif soluzzjoni meta ricerkata in *bona fides* twassal ghal gustizzja sostantiva, il-qorti tirrileva li, kemm bix-xiehda tieghu kif ukoll bid-dokumenti li pprezenta mar-rikors promotur, ir-rikorrent ghamel il-prova ghas-sodisfazzjon tal-qorti li kemm hu kif ukoll martu jikkwalifikaw bhala persuni aggravati bil-fatt li l-isem tal-kumpannija de qua thassar mir-registru.

**Wara li qieset il-fatti u cirkostanzi ta` dan il-kaz, il-qorti sejra tiddeciedi favur li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.**

Fl-istess waqt sejra taghmel dawn **l-osservazzjonijiet** :

- B`mod generali, meta tilqa` talbiet ta` kreditur jew ta` persuna aggravata skont is-subartikolu (4) tal-Art 325, il-qorti timponi terminu sabiex isir dak li ghandu jsir mill-kreditur jew mill-persuna aggravata kontra l-kumpannija sabiex jigi skansat ir-riskju li kumpannija tidhol lura fir-registru ghal zmien mhux definit minghajr ebda kontroll jew garanzija ta` kif se ggib ruhha wara li isimha jidhol lura fir-registru jew jekk hijiex sejra tottempera ruhha mal-obbligi taghha skont il-Kap 386. Taghmel dan ukoll ghaliex tifhem id-dmirijiet u l-esigenzi tar-Registratur.

- Meta t-talba ssir minn membru skont is-subartikolu (4) tal-Art 325, il-qorti qatt ma accettat li tqieghed l-isem lura fir-registru qabel mal-membru jiehu fuqu l-obbligu li jirregolarizza l-pendenzi li l-kumpannija de qua kellha skont il-ligi mar-Registratur qabel ma dan ha d-decizjoni li jaghti bidu ghall-procedura tat-thassir tal-isem.

- Hekk dejjem sar sabiex fl-applikazzjoni tal-ligi l-qorti tfittex bilanc gust.

Premessi dawn l-osservazzjonijiet, il-qorti, distintament minn kazi precedenti, proprju ghax si tratta ta` *rara avis*, mhijiex sejra timponi terminu ghaz-zamma tal-isem fir-registru.

Mhux sejra taghmel hekk ghaliex huwa fatt ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha li l-azzjonisti u cioe` l-intimati Chetcuti mexxew b`mod konkret u b`heffa sabiex isewwu n-nuqqas tal-kumpannija vis-a-vis ir-Registratur.

Il-qorti qieset dak li xpruna kemm lir-rikorrenti kif ukoll lill-intimati Chetcuti sabiex jiehdu azzjoni, dawn tal-ahhar fil-kawza bin-Nru. 25/2020 JZM.

**Fl-istess waqt il-qorti trid taghmilha cara li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija *de qua* jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji bl-ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-qorti tat xi *carte blanche* lill-kumpannija de qua, lill-ufficjali taghha u lill-azzjonisti sabiex kull ma sarx tajjeb u skont il-ligi fil-passat qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi jirrepeti ruhu.**

**Proprju xejn minn dan.**

**Bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija de qua trid turi fil-konkret kif irid il-Kap 386 li sejra tidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkollu jagixxi minhabba l-inadempjenzi ta` kull minn huwa responsabbli fis-socjeta` de qua.**

**Jekk il-kumpannija terga` tkun inadempjenti, il-qorti m`ghandhiex l-icken dubju li r-Registratur jerga` jipprocedi skont is-subartikolu (1) tal-Art 325 tal-Kap 386.**

**Jista` jkun li f`dak il-kaz il-konsiderazzjonijiet tal-qorti jkunu diversi minn dawk tal-lum.**

**<u>Decizjoni</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti u dwar l-eccezzjonijiet tal-intimati, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.**

**Tichad it-tieni talba.**

**Riferibbilment ghat-tielet u ghar-raba` talbiet :**

**1. Tordna li l-isem J & C Contracts Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C13386 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem J & C Contracts Limited li kien abbinat mal-kumpannija li**

**kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C13386 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun ikkonsenjata lilu mir-Registratur tal-Qorti kopja ufficjali tal-ordni li permezz taghha l-isem J & C Contracts Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C13386 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija J & C Contracts Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C13386 rega` dahal fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrent u in kwantu ghal nofs mill-intimati Chetcuti, komprizi kwalsiasi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija J & C Contracts Limited [C13386] jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**